**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-20 ta' Marzu 2024**

**Rikors Nru : 261/2023JPG**

**Kawza Nru : 18**

**MS**

**vs**

**MR**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 5 ta' Mejju 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tletin ta' Gunju tas-sena dsatax wiehed u disghin (1991). Skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A';*

*Illi minn dan iz-zwieg kellhom tifla (1) wahda, li illum huwa maggorenni u ghandha izjed minn tlieta u ghoxrin sena';*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin mis-sbatax (17) ta' Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) permezz ta' kuntratt redatt min Dottor Liza Camilleri anness u mmarkat bhala Dok 'B';*

*Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante*

*illi ilhom snin twal mifrudin, tant li llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi m' hemm l-ebda manteniment dovut ghall-wild f'dan l-istadju stante illi it-tifla illum hija maggorenni u l-fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena, u illi l-partijiet kienu rrinunzjaw ghal kull tip ta' manteniment minghand xulxin u dan kif jidher car mill-kuntratt anness.*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini u tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta; u*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien li l-istess Onorabbli Qorti joghogobha timponi huwa jinforma lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;.

Rat il-verbal tat-8 ta' Frar 2024 (fol 51) fejn l-intimat gie dikjarat kontumaci, ma ntavolax risposta u ma attendiex ghas-sedut. Illi ghalhekk il-Qorti akkordat lill-intimat ghaxart ijiem sabiex jipprezenta nota ta' sottomissjonijiet ai termini tal-Art 158 (10) Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-intimat baqa' inadempjenti;

Rat il-verbal tat-8 ta' Frar 2024 fejn l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi x'tipproduci jew trattazzjoni x'taghmel. (Fol 51)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attrici xehdet** (vide affidavit fol 13) illi l-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Gunju 1991 u minn dan iz-zwieg twieldet tifla llum maggorenni. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Novembru 2010 in atti tan-Nutar Dr Liza Camilleri. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

Illi l-intimat huwa kontumaci u ma ppresenta ebda sottomissjonijiet minkejja il-fakulta lilu moghti mill-Qorti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur***

*mis-sena preċedenti:*

*Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew*

*(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u*

*(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u*

*(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:*

*Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:*

*Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:*

*Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.*

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Gunju 1991, liema zwieg jgib certifikat numru 1074/1991 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla, llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Novembru 2010 in atti tan-Nutar Dr Liza Camilleri. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1074/1991 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**